**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Camilleri

*versus*

Lilian Mallia

## *Res Judicata* - Eċċezzjoni ta' - Rekwiżiti ta' - *Exceptio Iudicati*

*L-attur aġixxa biex jirkupra bilanċ ta' kreditu u l-konvenuta eċċepiet* res judicata.

*L-elementi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali (*eadem personae, eadem res, eadem causa petendi*) bħal fil-kawża l-ġdida.*

*L-*exceptio iudicati *għandha bħala fundament tagħha l-interess pubbliku u hija allura ta' interpretazzjoni strettissima. F'każ ta' dubbju l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni.*

*Hu paċifikament ammess li mhux neċessarju li l-identità tkun assoluta u materjali iżda hu biżżejjed li jkun hemm identità ġuridika. Jista' jiġri illi d-deċizjoni ma tkunx mhix interament fil-parti dispożittiva tas-sentenza iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżoluta xi vera kwistjoni b'mod li dik*

*il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja mad-dispożittiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispożittiv li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi s-sentenza nvokata mill-konvenuta kienet verament torbot lill-partijiet u mhux sempliċi konsiderazzjoni magħmula biex timmotiva d-deċiżjoni tal-Qorti u għalhekk ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat u ċaħdet it-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

L-attur qed jappella minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Novembru, 1996 li qed tiġi riportata *verbatim* għaliex b'hekk tkun faċilitata l-konsiderazzjoni tal-punt legali nvolut fl-aggravju. Dan anke fid-dawl ta' l-*iter* proċesswali li kkondizzjona l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti, speċjalment fir-rigward tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, 1996, mogħtija f'kawża oħra bejn l-istess partijiet fuq ċitazzjoni identika li biha l-attur irreklama mingħand il-konvenuta l-pagament taż-żewġ rati li skadew qabel dawk minnu pretiżi f'din il-kawża;

"F'din il-kawża l-attur qed jitlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu elfejn lira (Lm2,000) skond ftehim;

L-attur ifisser illi l-partijiet kienu jmexxu bi sħab negozju magħruf bħala Liliana's Jewellery. Meta llikwidaw in-negozju kienu ftehmu li l-konvenuta tagħti lill-attur tnax-il elf lira (Lm12,000) u l-ħlas kellu jsir bin-nifs fid-dati stipulati fl-istess ftehim. Is-sitt u s-seba' ħlasijiet ta' elf lira (Lm1,000) kull darba, elfejn lira (Lm2,000) b'kollox, kellhom isiru fit-30 ta' Ġunju, 1989 u fil-31 ta' Diċembru, 1989, iżda l-konvenuta baqgħet ma għamlitx dawn il-ħlasijiet, għalkemm kienet imsejħa biex tħallas;

L-attur għalhekk talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu elfejn lira (Lm2,000) li kellha titħallas fit-30 ta' Ġunju, 1989 u fil-31 ta' Diċembru, 1989, kif jgħid il-ftehim ta' bejniethom u tħallsu ukoll l-imgħax kummerċjali minn dakinhar li kellu jsir il-ħlas u l-ispejjeż tal-kawża;

L-attur esebixxa ukoll il-ftehim li fuqu qiegħed jibni t-talba tiegħu (dok. A, fol. 4). Dan il-ftehim jgħid *inter alia* illi l-partijiet "*do hereby agree to dissolve our agreement regarding Lilian's Jewellery dated 1st June, 1982 and that the Lilian's Jewellery partnership be liquidated*". Jgħid ukoll illi "*the final amount due to Jos. J. Camilleri as a result of the liquidation is Lm12,000*". Din is-somma kellha titħallas f'għaxar pagamenti, l-ewwel wieħed ta' tlett elef lira (Lm3,000) u disa' oħra ta' elf lira (Lm1,000) kull wieħed. Il-ħlasijiet li qed jitlob l-attur huma s-sitt u s-seba' wieħed, ta' elf lira (Lm1,000) kull wieħed;

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

Qabel xejn illi hemm *lis alibi pendens* (Ċitaz. 647/89 JDC) u għalhekk jixraq li s-smigħ tal-kawża tal-lum jieqaf sakemm tinqata' l-kawża l-oħra; jew li ż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien, kif irid l-artikolu 792 tal-Kap. 12;

Illi, bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, it-talba ta' l-attur għandha tkun paċuta ma' dak li l-attur jagħti lill-konvenuta minħabba djun ġejjin min-negozju li kienu jmexxu flimkien; u

Illi, dejjem bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, kif jgħid il-ftehim bejn il-partijiet, ebda imgħax ma għandu jingħata mill-konvenuta lill-attur;

B'sentenza in parte mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 1990 il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni - dik ta' *lis alibi pendens* - u

baqgħet tisma' l-kawża;

Fit-22 ta' Awissu, 1990 il-konvenuta ressqet żewġ eċċezzjonijiet oħra li jgħidu hekk:

Illi l-ftehim li fuqu qed jibni t-talba tiegħu l-attur (dok. A) huwa null għax l-Att ta' Soċjetà tas-soċjetà kummerċjali f'isem kollettiv bl-isem Camilleri and Mallia, li saret fl-1 ta' Ġunju, 1982 (dok. B, fol. 25) u li kellha tkun illikwidata bil-ftehim li fuqu qed jistrieħ l-attur (dok. A) ma kienx ġie rreġistrat mar-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali u għalhekk dan ir-Reġistratur ma kienx ħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni tas-soċjetà kif trid *ad validitatem* l-artikolu 14 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Kap. 168 tal-Liġijiet ta' Malta); u

Bla ħsara għall-eċċezzjoni ta' qabel, illi l-kunsens tal-konvenuta għall-ftehim ta' likwidazzjoni kien vizzjat billi l-konvenuta ma kinitx tagħti dan il-kunsens li kieku kienet taf illi, filwaqt li sar il-ftehim, ma kien hemm ebda soċjetà kummerċjali bejn il-partijiet;

Fis-seduta tat-2 ta' Diċembru, 1992, il-partijiet qablu li din il-kawża tistenna li tinqata' kawża oħra fl-istess ismijiet dwar meritu li jixbah dak tal-kawża tal-lum. Fil-fatt fil-kawża l-oħra (Ċitaz. nru. 647/89) l-attur għamel talba mibnija fuq l-istess ftehim bħal fil-kawża tal-lum, iżda talab il-ħlas tar-raba' u l-ħames pagamenti, waqt li fil-kawża tal-lum qed jitlob il-ħlas taż-żewġ pagamenti li jiġu wara;

B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Frar, 1993 u riformata *in parte* mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ġunju, 1995, il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ftehim li fuqu qed jibni t-talba l-attur (dok. A) iżda qalet li s-somma li kellha tagħti l-konvenuta lill-attur ma kinitx tnax-il elf lira

(Lm12,000) kif jgħid il-ftehim, iżda tmint elef u ħames mitt lira (Lm8,500). Ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ftehim minħabba vizzju tal-kunsens tal-konvenuta;

Billi l-meritu ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huwa l-istess bħal dak ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri fil-kawża tal-lum, billi fittxew li jwaqqgħu l-istess ftehim għall-istess raġunijiet, is-sentenza fil-kawża l-oħra torbot lill-partijiet fil-kawża tal-lum ukoll, bis-saħħa tar-*res judicata*;

L-eċċezzjonijiet li fadal x'inqisu huma dik ta' tpaċija u dik li tgħid li mgħaxijiet mhumiex dovuti. Dwar eċċezzjonijiet bħal dawn ukoll ingħatat sentenza fil-kawża l-oħra, iżda billi fil-kawża l-oħra l-eċċezzjonijiet kienu jolqtu ħlasijiet differenti minn dawk tal-lum, iż-żewġ eċċezzjonijiet li fadal ma jintlaqtux bir-*res judicata*;

Mandanakollu, dwar dawn l-eċċezzjonijiet ukoll din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni;

Ma nġiebet ebda xhieda dwar tpaċija. Anzi, la darba l-ftehim *de quo* kien għalaq il-pendenzi bejn il-partijiet dwar in-negozju, u dan il-ftehim jgħid x'kien il-*final amount due*, bilfors irridu ngħidu li l-partijiet kienu qablu li ma kienx hemm djun oħra bejniethom. Mela ma hemm xejn ġej min-negozju li jista' jwassal għal tpaċija;

Fl-eċċezzjoni dwar l-imgħaxijiet il-konvenuta qiegħda tistrieħ fuq il-patt numru 4 fil-ftehim li jgħid li "*no interest shall be made (sic) on the above Lm12,000*". Dan huwa minnu, u ma kienx jitħallas imgħax li kieku l-ħlasijiet saru meta kellhom isiru. Iżda l-konvenuta ma ħallsitx meta kellha tħallas, u għalhekk la darba d-dejn kien ta' xorta kummerċjali, l-imgħaxijiet bdew jgħaddu *ipso iure* minn dakinhar li kellu jsir

il-ħlas, kif jgħid l-artikolu 1141 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Għalhekk, ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ma tista' tintlaqa';

Ngħaddu issa għall-meritu tat-talbiet ta' l-attur. Kif rajna, is-sentenza li saret *res judicata* bejn il-partijiet qatgħetha li s-somma li kellu jieħu l-attur kienet ta' tmint elef u ħames mitt lira (Lm8,500) biss. Mela l-ħlas, skond l-iskema ta' ħlasijiet miftehma bejn il-partijiet stess, kellu jsir hekk:

L-ewwel pagament: Lm3,000.00,0;

It-tieni pagament: Lm1,000.00,0;

It-tielet pagament: Lm1,000.00,0;

Ir-raba' pagament Lm1,000.00,0;

Il-ħames pagament: Lm1,000.00,0;

Is-sitt pagament: Lm1,000.00,0;

Is-seba' pagament: Lm500.00,0;

B'kollox: Lm8,500.00,0;

Fil-kawża tal-lum l-attur qed jitlob is-sitt u s-seba' pagament, mela b'kollox għandu jieħu elf u ħames mitt lira (Lm1,500);

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 1995, il-partijiet għarrfu lill-

Qorti li, waqt li kienet miexja din il-kawża, il-konvenuta għamlet ħlas ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) bla preġudizzju u għalhekk is-*sorte* jidher li issa tħallas kollu;

Il-Qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel talba iżda biss billi tgħid li l-konvenuta kellha tagħti elf u ħames mitt lira (Lm1,500) lill-attur iżda mhux il-każ li tkun ikkundannata terġa' tħallas billi ħallset din is-somma waqt li kienet miexja l-kawża. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas imgħax skond il-liġi fuq elf lira (Lm1,000) mit-30 ta' Ġunju, 1989 sa dakinhar li sar il-ħlas u fuq ħames mitt lira (Lm500) mill-31 ta' Diċembru, 1989 sa dakinhar li sar il-ħlas. L-ispejjeż jinqasmu hekk: parti minn tmienja jħallasha l-attur u seba' partijiet minn tmienja tħallashom il-konvenuta";

L-aggravju ta' l-attur appellant ma jinvolvi ebda kontestazzjoni ta' fatt u hu wieħed ta' natura prettament ġuridiku. Jissottometti illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi kkonkludiet li s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, 1995 kienet tikkostitwixxi ġudikat dwar il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut mill-konvenuta fis-somma ta' Lm8,500. L-attur appellant ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni. Għalkemm kien ċert u nkontestat li s-sentenza ċċitata kienet ġudikat bejn il-partijiet, l-effett ta' ġudikat ma kienx jestendi għal kull ma jintqal f'dik is-sentenza imma kien jolqot biss il-vertenza tal-meritu ta' dik il-kawża. Il-Qorti f'dik il-kawża ma kinitx mitluba li tagħmel likwidazzjoni finali u definittiva tal-pendenzi bejn il-partijiet:

L-appellant jissottometti "illi ċ-ċifra ta' Lm8,500 intużat biex turi li t-talba ta' l-attur f'dik il-kawża kellha ċertament tintlaqa', imma ma kinitx qiegħda taffettwa likwidazzjoni definittiva li fi kwalsiasi każ lanqas kienet qed tiġi mitluba". L-

appellant jissottometti illi r-raġunijiet li tagħmel il-Qorti biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha ma jifformawx ġudikat billi l-ġudikat huwa magħmul biss minn dawk id-deċiżjonijiet tal-Qorti fuq il-vertenzi tal-fatt u tad-dritt bejn il-partijiet. Ir-raġunament tal-Qorti ma jifformax ġudikat, il-konklużjoni deċiżjonali hija l-ġudikat;

Il-prinċipji legali enunċjati mill-appellant huma sostanzjalment korretti però jridu mhux biss jinqraw fl-isfond tal-ġurisprudenza in materja imma ukoll tal-fatti partikolari tal-każ taħt eżami u tal-portata tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, 1995. Hu risaput li l-elementi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess oġġett u għall-isstess kawżali (*eadem personae, eadem res, eadem causa petendi*) bħal fil-kawża l-ġdida;

"Il-liġi tiddistingwi biċ-ċar bejn motivi u dispositiv u trid li kull dikjarazzjoni li fil-ħsieb tal-Qorti hija deċiżiva u obbligatorja għandha tifforma parti mid-dispositiv u għalhekk biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza ta' qabel tiġġustifikax eċċezzjoni tal-ġudikat għandu jkun eżaminat id-dispositiv ta' dik is-sentenza u mhux il-motivazzjoni tagħha" (Vol. XXIX.I.1155);

Hu paċifiku ukoll li l-*exceptio iudicati* għandha bħala fondament tagħha l-interess pubbliku u hija allura ta' nterpretazzjoni strettissima. F'każ ta' dubbju l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni;

Issa hu rilevanti għal każ taħt konsiderazzjoni, eżami tat-tieni rekwiżiti u ċjoè, dak ta' l-identità tal-ħaġa mitluba. Hu paċifikament ammess li mhux neċessarju li l-identità tkun assoluta u materjali iżda hu biżżejjed li jkun hemm identità

ġuridika (Vol. XXVII.III.900). Fir-rigward taż-żewġ elementi l-oħra dawn ma jippreżentaw l-ebda diffikultà għaliex indubbjament il-kawża tat-12 ta' Ġunju, 1995 kienet bejn l-istess partijiet bħal f'din il-kawża u fil-kwalità identika ta' attur u konvenut, waqt li kienet ukoll identika l-kawżali għat-talbiet fiż-żewġ kawżi. Issa fir-rigward ta' l-identità ta' l-oġġett tal-kawża, sewwa li jiġi rriportat dak li kkunsidrat din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Josè Herrera *nomine vs* Anthony Cassar *et nomine***, deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1992 (Vol. LXXVI.II.489);

"*... tra gli estremi della cosa indicata si annoveri l-identità dell'oggetto, pure tale identità non è uopo che sia assoluta (Aubry et Rau paragrafo 759 e Laurent XX.56 e seg.) e potrebbe farsi luogo all'eccezione del giudicato anche quando l'oggetto dedotto in lite qualunque distinto da quello della lite precedente, pure l'uno e l'altro formano parte di un sol tutto, purchè però il punto controverso sia identico*" (Vol. XXI.I.324);

Din il-Qorti mbagħad fis-sentenza tas-7 ta' Marzu, 1958 fil-kawża fl-ismijiet **Caterina Gerada *vs* Avukat Dottor Antonio Caruana** (Vol. XLII.I.113), qalet:

"Intqal tajjeb illi "*l'eccezione di res giudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto più quando trattasi di escludere un diritto ...*". Jeħtieġ għall-eċċezzjoni tal-ġudikat illi l-kwistjoni tkun ġiet effettivament deċiża bis-sentenza ta' qabel u mhux biss li "setgħet tiġi deċiża". Jgħid il-Mattirolo: "*Sta soltanto nel dispositivo onde è principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente nella parte dispositiva della sentenza, non nei motivi*" (Diritto Giudiziario Civile, Vol. V, pg. 28);

Però, sussegwentement jista' jiġri illi d-deċiżjoni ma tkunx mhix interament fil-parti dispositiva tas-sentenza iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u

riżoluta xi vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja mad-dispositiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispositiv li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat;

Dan il-ħsieb hu espress diversament forsi anke b'aktar kjarezza fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Eugenio Borg** *vs* **Saverio Farrugia**, deċiża fil-31 ta' Marzu, 1952 (Vol. XXVI.I.75):

"Hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-meritu tal-kawża għalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess ħaġa jekk il-punt kontrovers ikun l-istess u hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tad-disposizzjoni espressa għaliex il-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anke mill-konsiderandi tas-sentenza. Għalhekk jekk il-konsiderandi tas-sentenza juru biċ-ċar li l-ġudikant irritjena mhix fondata xi eċċezzjoni jkun jidher li huwa espliċitament irrespinġiha għalkemm id-dispositiv ma jgħid xejn fuqha";

Finalment, sewwa ukoll li jiġi enunċjat dak li ġie ritenut fil-kawża **Negozjant Joseph Darmanin** *proprio et nomine vs* **Carmelo Micallef** *proprio et nomine*, il-Qorti tal-Kummerċ fir-rigward ta' l-estensjoni ta' l-identità tal-ħaġa mitluba (Vol. XXXV.III.900) għax dan hu ukoll rilevanti għad-determinazzjoni tal-kweżit taħt eżami;

"Dwar l-identità tal-ħaġa mitluba bħal wieħed mir-rekwiżiti tal-ġudikat, hu paċifikatament ammess li mhux neċessarju illi l-identità tkun assoluta u materjali imma tibbasta l-identità ġuridika;

Kriterju razzjonali biex f'kull każ jista' jingħad jekk u

meta jkun hemm l-identità ta' l-oġġett bejn l-ewwel kawża disposta b'sentenza u t-tieni kawża opposta bl-eċċezzjoni tal-ġudikat hu dak li wieħed jeżamina jekk il-kwistjoni li tiġi ssollevata bit-tieni domanda ġietx jew le deċiża bil-ġudikat preċedenti, fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallitx dak il-punt impreġudikat;

Jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u mpossibbilità ta' koeżistenza, allura jirrikorri dan ir-rekwiżit tal-ġudikat, ċjoè l-identità ta' l-oġġett";

"*Se questa domanda non è contradetta non è eslusa, e perciò può coesistere col principio contenuto nella disposizione della sentenza si conchiederà che non vi è ostacolo di cosa giudicata; che si tratta di domanda nuova non ancora giudicata, se invece la contradizione esiste, se la coesistenza della domanda col dispositivo appare impossibile, si dovrà ritenere che vi è identità di oggetto fra il punto deciso e la nuova domanda, e che quindi sopra di questa vi è la cosa giudicata*";

L-insenjament ġurisprudenzjali appena traċċjat għandu jikkonforta d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti illi ppremettiet għas-sentenza appellata l-premessa - ukoll parti deċiżjonali tagħha anke jekk mhux espressa fid-dispositiv - illi s-sentenza fil-kawża l-oħra tat-12 ta' Ġunju, 1995 kienet torbot lill-partijiet fil-kawża taħt eżami bis-saħħa tar-*res judicata*. Infatti, is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, 1995 tirribadixxi l-validità tal-ftehim li fuqu saret it-talba b'dik il-kawża u anke allura f'din il-kawża. Dik is-sentenza kienet daħlet *funditus* fil-portata ta' dak il-ftehim u ddeċidiet sa liema punt dan seta' jitqies bħala li kien vinkolanti fuq il-partijiet u fejn u safejn

seta' jiġi kkunsidrat leġittimu għax ma kienx kontra l-ordni pubbliku. Deċiżjoni li anke jekk ma tirriżultax espressa fil-parti deċiżjonali konklussiva tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, li fil-verità kulma għamlet kien li ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata, imma għal raġunijiet diversi minn dawk ta' l-Ewwel Qorti, ma tistax ma tiġix meqjusa bħala parti mid-dispositiv ta' dik is-sentenza vinkolanti fuq il-kontendenti. Kif għandha ukoll neċessarjament titqies li għandha saħħa ta' ġudikat fuq il-partijiet dik il-kawża u allura anke din il-kawża, is-segwenti parti minn dik is-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1995:

"Applikati dawn il-prinċipji tal-każ preżenti, partikolarment fid-dawl tad-dokument LM1 "il-proprjetà miksuba minn dan in-negozju", jista' jkun biss dak li ġie akkwistat tul iż-żmien tal-komunità u għalhekk jekk minn *stock* inizjali ta' Lm31,000 il-partijiet spiċċaw bi *stock* ta' Lm48,000 hija din id-differenza fl-i*stock* li hija komuni bejniethom ċjoè Lm17,000 diviżi bejn tnejn li ġġib sehem għal kull parti ta' Lm8,500. Kwalunkwe ammont iktar minn din iċ-ċifra għalhekk imur kontra l-provvediment tal-liġi fuq imsemmi u għandha tiġi mnaqqsa";

Ċertament din hi deċiżjoni maturata ta' din il-Qorti li torbot il-partijiet u mhix sempliċi konsiderazzjoni magħmula biex timmotiva d-deċiżjoni tal-Qorti. Huwa fil-fatt fuq din id-deċiżjoni illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi t-talba ta' l-attur kif dedotta f'dik il-kawża, deċiża fit-12 ta' Ġunju, 1995, kellha tiġi akkolta in kwantu l-ammont irreklamat li kien għadu dovut entro l-bilanċ ta' Lm8,500 li skond dik is-sentenza kien għadu minnu mhux imħallas;

Anke li kieku kellha tiġi aċċettata s-sottomissjoni ta' l-appellant illi dak li ġie appena kkwotat kellu jitqies bħala

raġunar li għamlet il-Qorti biex tasal għall-konklużjoni tagħha u illi konsegwentement ma kienx jikkostitwixxi ġudikat, wieħed ma jistax jimmaġina kif din il-Qorti setgħet tasal għal konsiderandi differenti u allura għall-konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha din il-Qorti fil-kawża tat-12 ta' Ġunju, 1995 meta ma hemm assolutament xejn ta' fatt jew ta' dritt li b'xi mod jiddistingwi din il-kawża mill-kawża l-oħra. Dan qed jingħad għall-kompletezza ta' l-argument u mhux għax din il-Qorti għandha xi dubbju mill-korrettezza tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li tqis li s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, 1995 tikkostitwixxi *res judicata* bejn il-kontendenti li kienu partijiet fil-kawża istitwita ukoll mill-attur odjern fuq l-istess kawżali u għall-istess oġġett għall-ħlas ta' pagamenti rateali dovuti fuq l-istess ftehim li fuqu huma bbażati ż-żewġ azzjonijiet. Dan l-uniku aggravju ta' l-attur appellant qed jiġi għalhekk respint;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi għalhekk miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif ġà deċiżi mill-Ewwel Qorti, waqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandu jbatihom l-appellant.